MT

MT MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 1.12.2010
KUMM(2010) 705 finali

2010/0343 (NLE)

Proposta ta’

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni mill-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fil-25 ta' Ġunju 2010, il-Konferenza tal-2010 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kawkaw, intemmet formalment wara l-kunsens mogħti mid-diversi delegazzjonijiet dwar it-test innegozjat tal-Ftehim Internazzjonali l-ġdid tal-2010 dwar il-Kawkaw, sabiex jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali tal-2001 dwar il-Kawkaw, kif estiż.

Illum, minħabba l-eżitu tad-diskussjonijiet u l-kontenut tal-istrument il-ġdid, li huwa konsistenti mal-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni, din jidhrilha li jkun xieraq li tissottometti l-istrument tal-konklużjoni lill-Uffiċċju tat-Trattati Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York, wara li diġà ppropona lill-Kunsill[1] il-firma u l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-ftehim.

L-istess bħal proċedura ta' sottomissjoni tal-firma u tal-applikazzjoni provviżorja, l-għan prinċipali jibqa' orjentat lejn il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-kummerċ tal-kawkaw li taqa', min-naħa tagħha, taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea. B'konsegwenza, il-Ftehim Internazzjonali l-ġdid tal-2010 dwar il-Kawkaw għandu jiġi konkluż mill-Unjoni Ewropea, b'konformità mal-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

B'kunsiderazzjoni li l-firma u s-sottomissjoni tal-istrumenti ta' aċċettazzjoni, konklużjoni jew ratifika sejrin jinfetħu mad-depożitarju mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-30 ta' Settembru 2012, il-Kunsill għalhekk huwa mistieden jadotta din id-Deċiżjoni qabel dik id-data.

[1] ĠU C [….], [….], p. [….]

2010/0343 (NLE)

Proposta ta'

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni mill-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(6) tiegħu,

wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[2],

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ġunju 2010 l-Konferenza tan-negozjar stabbilita taħt l-awspiċi tal-UNCTAD – Il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp – approvat it-test tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim tal-2010"). It-testi ta' dan il-Ftehim huma bl-Ingliż, bl-Ispanjol u bil-Franċiż kif ukoll bl-Għarbi, biċ-Ċiniż u bir-Russu, li wkoll huma awtentiċi.

(2) Dan il-Ftehim il-ġdid ġie nnegozjat sabiex jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali tal-2001 dwar il-Kawkaw, li ġie estiż sat-30 ta' Settembru 2012;

(3) Il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw għandu jkun miftuħ għall-iffirmar u s-sottomissjoni tal-istrumenti ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-30 ta' Settembru 2012;

(4) L-għanijiet imfittxija mill-Ftehim tal-2010 jaqblu mal-qafas tal-Politika Kummerċjali Komuni;

(5) L-Unjoni Ewropea hija Parti mill-Ftehim Internazzjonali tal-2001, kif estiż, u l-firma u s-sottomissjoni tal-istrument ta' applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim tal-2010 kienu diġà s-suġġett tad-Deċiżjoni Nru …. ta' ………[3]; għaldaqstant huwa fl-interess tagħha li tiffirma u tikkonkludi wkoll il-Ftehim maħsub sabiex jissostitwih,

---

[2] ĠU C [….], [….], p. [….]
[3] ĠU C [….], [….], p. [….]

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw huwa approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jkun awtorizzat sabiex jaħtar persuna awtorizzata sabiex tiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea għand is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti skont il-ftehim tal-2010.

Din id-deċiżjoni hija ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, nhar il-[...]

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS

## FTEHIM INTERNAZZJONALI DWAR IL-KAWKAW, 2010

### PREAMBOLU

Il-Partijiet għal dan il-Ftehim,

a) *Konxji* mill-kontribut tas-settur tal-kawkaw lejn it-tnaqqis tal-faqar u lejn it-twettiq tal-għanijiet ta' żvilupp miftiehma fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDG);

b) *Konxji* mill-importanza tal-kawkaw u l-kummerċ tiegħu għall-ekonomija tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, bħala sorsi ta' dħul għall-popli tagħhom, u konxji mill-kontribut globali tal-kummerċ tal-kawkaw għall-qligħ tagħhom mill-esportazzjonijiet u għall-elaborazzjoni tal-programmi ta' żvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom;

c) *Konxji* mill-importanza tas-settur tal-kawkaw għall-għixien ta' miljuni ta' persuni, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fejn il-produzzjoni tal-kawkaw tirrappreżenta s-sors ewlieni dirett ta' dħul għall-produtturi ż-żgħar;

d) *Konxji* mill-fatt li kooperazzjoni internazzjonali stretta dwar il-kwistjonijiet relatati mal-kawkaw u li djalogu permanenti bejn l-atturi kollha tal-katina ta' valur tal-kawkaw jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija dinjija tal-kawkaw;

e) *Konxji* mill-importanza ta' sħubijiet strateġiċi bejn il-Membri esportaturi u l-Membri importaturi sabiex tinkiseb ekonomija sostenibbli tal-kawkaw;

f) *Konxji* mill-ħtieġa li tkun assigurata t-trasparenza fis-suq internazzjonali tal-kawkaw, fl-interess reċiproku tal-produtturi u tal-konsumaturi;

g) *Konxji* mill-kontribuzzjoni tal-Ftehimiet internazzjonali preċedenti dwar il-kawkaw tal-1972, 1975, 1980, 1986, 1993 u l-2001, għall-iżvilupp tal-ekonomija dinjija tal-kawkaw;

Ftiehmu kif ġej:

# Kapitolu 1 - Għanijiet

*Artikolu 1*
***Għanijiet***

Biex tissaħħaħ l-industrija dinjija tal-kawkaw, u jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli tagħha u jiżdiedu l-vantaġġi għall-partijiet interessati kollha, l-għanijiet tas-seba' Ftehim internazzjonali dwar il-kawkaw huma:

a) Li jippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali fl-ekonomija dinjija tal-kawkaw;

b) Li jipprovdi qafas xieraq għad-diskussjoni tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-kawkaw bejn il-gvernijiet, u mas-settur privat;

c) Li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ekonomija nazzjonali tal-kawkaw tal-pajjiżi Membri, permezz tal-elaborazzjoni, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' proġetti xierqa li għandhom jintbagħtu lill-istituzzjonijiet kompetenti bl-għan li jiġu ffinanzjati u implimentati, u r-riċerka ta' fondi għall-proġetti li jibbenefikaw lill-Membri u lill-ekonomija dinjija tal-kawkaw;

d) Li jipprova jikseb prezzijiet ġusti li joħolqu dħul ġust għall-produtturi u l-konsumaturi fil-katina ta' valur tal-kawkaw, u jikkontribwixxi lejn żvilupp bilanċjat tal-ekonomija dinjija tal-kawkaw, fl-interess tal-Membri kollha;

e) Li jippromwovi l-ekonomija sostenibbli tal-kawkaw fil-livell ekonomiku, soċjali u ambjentali;

f) Li jinkoraġġixxi r-riċerka u l-applikazzjoni tar-riżultati tagħha permezz tal-promozzjoni ta' programmi ta' taħriġ u ta' informazzjoni li jippermettu t-trasferiment lill-Membri ta' teknoloġiji adattati għall-kawkaw;

g) Li jippromwovi t-trasparenza fl-ekonomija dinjija tal-kawkaw, u b'mod partikolari fil-kummerċ tal-kawkaw, permezz tal-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' statistika rilevanti u t-twettiq ta' studji xierqa, kif ukoll li jippromwovi t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ;

h) Li jippromwovi u jħeġġeġ il-konsum taċ-ċikkulata u tal-prodotti bbażati fuq il-kawkaw, sabiex tiżdied id-domanda għall-kawkaw, b'mod partikolari billi jippromwovi l-proprjetajiet tal-kawkaw, inklużi l-effetti tajbin għas-saħħa, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-settur privat;

i) Li jħeġġeġ lill-Membri sabiex jippromwovu l-kwalità tal-kawkaw u jiżviluppaw proċeduri xierqa ta' sigurtà fl-ikel fis-settur tal-kawkaw;

j) Li jħeġġeġ lill-Membri sabiex jelaboraw u jimplimentaw strateġiji li jippermettu li jsaħħu l-kapaċità tal-komunitajiet lokali u tal-produtturi ż-żgħar sabiex jibbenefikaw mill-produzzjoni tal-kawkaw, u jikkontribwixxi għalhekk għat-tnaqqis tal-faqar;

k) Li jiffaċilita d-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar l-istrumenti u s-servizzi finanzjarji li minnhom jistgħu jibbenefikaw il-produtturi tal-kawkaw, b'mod partikolari l-aċċess għall-kreditu u l-metodi ta' ġestjoni tar-riskji.

# Kapitolu II - Definizzjonijiet

*Artikolu 2*

***Definizzjonijiet***

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

1. Il-kelma *kawkaw* tfisser iż-żerriegħa tal-kawkaw u l-prodotti derivati mill-kawkaw;

2. L-espressjoni *kawkaw fin* (*"fine" jew "flavour"*) tfisser il-kawkaw li t-togħma u l-kulur tiegħu huma meqjusa bħala eċċezzjonali u li jiġi prodott fil-pajjiżi elenkati fl-Anness Ċ għal dan il-Ftehim;

3. L-espressjoni *prodotti derivati mill-kawkaw* tfisser il-prodotti magħmulin esklużivament miż-żerriegħa tal-kawkaw, bħal pejst/likuri tal-kawkaw, butir tal-kawkaw, trab tal-kawkaw mingħajr iż-żieda ta' zokkor, kejkijiet tal-kawkaw u żerriegħa tal-kawkaw imneħħija minn ġol-qoxra;

4. *Iċ-ċikkulata u l-prodotti taċ-ċikkulata* huma l-prodotti magħmula miż-żerriegħa tal-kawkaw, skont l-istandard tal-Codex Alimentarius dwar iċ-ċikkulata u l-prodotti taċ-ċikkulata;

5. L-espressjoni *ħażniet taż-żerriegħa tal-kawkaw* tfisser iż-żerriegħa niexfa kollha tal-kawkaw identifikata fl-aħħar jum tas-sena tal-kawkaw (it-30 ta' Settembru) – irrispettivament mis-sit tal-ħażna, is-sid jew l-użu li għalih hija maħsuba;

6. L-espressjoni *sena tal-kawkaw* tfisser il-perjodu ta' tnax-il xahar mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru inkluż;

7. Il-kelma *Organizzazzjoni* tfisser l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw imsemmija fl-Artikolu 3;

8. Il-kelma *Kunsill* tfisser il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw imsemmi fl-Artikolu 6;

9. L-espressjoni *Parti kontraenti* tfisser gvern, l-Unjoni Ewropea jew organizzazzjoni intergovernattiva kif ipprovdut fl-Artikolu 4, li aċċettat li tintrabat provviżorjament jew definittivament minn dan il-Ftehim;

10. Il-kelma *Membru* tfisser Parti kontraent skont id-definizzjoni mogħtija hawn fuq;

11. L-espressjoni *pajjiż importatur* jew *Membru importatur* tfisser rispettivament pajjiż jew Membru li l-importazzjonijiet tiegħu tal-kawkaw espressi bħala żerriegħa tal-kawkaw jaqbżu l-esportazzjonijiet tiegħu;

12. L-espressjoni *pajjiż esportatur* jew *Membru esportatur* tfisser rispettivament pajjiż jew Membru li l-esportazzjonijiet tiegħu tal-kawkaw espressi bħala żerriegħa tal-kawkaw jaqbżu l-importazzjonijiet tiegħu. Madankollu, pajjiż produttur tal-kawkaw li l-importazzjonijiet tal-kawkaw tiegħu, espressi bħala żerriegħa tal-kawkaw, jaqbżu l-esportazzjonijiet, iżda li l-produzzjoni tiegħu taqbeż l-importazzjonijiet jew li l-produzzjoni tiegħu taqbeż il-konsum domestiku apparenti tal-kawkaw[4], jista', jekk irid, ikun Membru esportatur;

13. L-espressjoni *esportazzjonijiet tal-kawkaw* tfisser il-kawkaw kollu li jħalli t-territorju doganali ta' kwalunkwe pajjiż, u l-espressjoni *importazzjonijiet tal-kawkaw* tfisser il-kawkaw kollu li jidħol fit-territorju doganali ta' kwalunkwe pajjiż, mifhum li għall-finijiet ta' dawn id-definizzjonijiet it-territorju doganali, fil-każ ta' Membru li għandu aktar minn territorju doganali wieħed, jitqies li jirreferi għat-territorji doganali kollha ta' dan il-Membru;

14. *Ekonomija sostenibbli tal-kawkaw* timplika katina ta' valur integrata li fiha l-atturi kollha jiżviluppaw u jippromwovu politiki xierqa sabiex jilħqu livelli ta' produzzjoni, ipproċessar u konsum li huma ekonomikament vijabbli, ekoloġikament raġonevoli u soċjalmenti responsabbli, fl-interess tal-ġenerazzjonijiet attwali u dawk futuri, bl-għan li jtejbu l-produttività u l-profittabbiltà fil-katina ta' valur tal-kawkaw għall-atturi kollha kkonċernati, b'mod partikolari l-produtturi ż-żgħar;

15. Is-*settur privat* jinkludi l-entitajiet privati kollha li għandhom l-attivitajiet ewlenin fis-settur tal-kawkaw. Dan jinkludi l-bdiewa, il-kummerċanti, il-proċessuri, il-manifatturi u l-istituti ta' riċerka. Fil-qafas ta' dan il-Ftehim, is-settur privat jinkludi wkoll l-impriżi pubbliċi, l-aġenziji, u l-istabbilimenti pubbliċi, li jaqdu rwolijiet mogħtija lill-entitajiet privati f'pajjiżi oħra;

16. L-espressjoni *prezz indikatur* tindika l-indikatur rappreżentattiv tal-prezz internazzjonali tal-kawkaw użat għall-finijiet ta' dan il-Ftehim u kkalkulat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33;

17. L-espressjoni *Drittijiet Speċjali għall-Ġbid (SDR)* tfisser id-drittijiet speċjali għall-ġbid mill-Fond Monetarju Internazzjonali;

18. Il-kelma *tunnellata* tindika toqol ta' 1 000 kilogramma, jiġifieri 2 204,6 libbra, u l-kelma libbra tfisser 453,597 gramma;

19. L-espressjoni *maġġoranza sempliċi ddistribwita* tfisser il-maġġoranza tal-voti mitfugħa mill-Membri esportaturi u l-maġġoranza tal-voti mitfugħa mill-Membri importaturi, magħduda separatament;

20. L-espressjoni *vot speċjali* tfisser iż-żewġ terzi tal-voti mitfugħa mill-Membri esportaturi u ż-żewġ terzi tal-voti mitfugħa mill-Membri importaturi, magħduda separatament, kemm-il darba ta' mill-inqas ħames Membri esportaturi u maġġoranza ta' Membri importaturi jkunu preżenti;

[4] Ikkalkulat skont it-tħin taż-żerriegħa tal-kawkaw flimkien mal-importazzjonijiet netti tal-prodotti derivati mill-kawkaw u ta' ċikkulata u prodotti taċ-ċikkulata f'ekwivalenti f'żerriegħa.

21. L-espressjoni *dħul fis-seħħ* tfisser, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, id-data li fiha dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ, kemm provviżorjament kif ukoll definittivament.

# Kapitolu III – L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw

*Artikolu 3*
***Il-kwartieri ġenerali u l-istruttura tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw***

1. L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw stabbilita mill-Ftehim Internazzjonali tal-Kawkaw tal-1972 għandha tkompli topera; din għandha tassigura l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u tissorvelja l-applikazzjoni tiegħu.

2. Il-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni għandu jkun dejjem f'pajjiż Membru.

3. Il-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni għandu jkun f'Londra sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor.

4. L-Organizzazzjoni għandha topera permezz ta':

   a) Il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw, li huwa l-awtorità suprema tal-Organizzazzjoni;

   b) Korpi sussidjarji tal-Kunsill, inkluż il-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju, il-Kumitat Ekonomiku, il-Kummissjoni Konsultattiva dwar l-Ekonomija Dinjija tal-Kawkaw u kwalunkwe kumitat ieħor imwaqqaf mill-Kunsill; u

   c) Is-Segretarjat.

*Artikolu 4*
***Il-Membri tal-Organizzazzjoni***

1. Kull Parti kontraenti għandha tkun Membru tal-Organizzazzjoni.

2. Għandu jkun hemm żewġ kategoriji ta' Membri fl-Organizzazzjoni, jiġifieri:

   a) Il-Membri esportaturi;

   b) Il-Membri importaturi.

3. Membru jista' jibdel il-kategorija tiegħu skont il-kundizzjonijiet li l-Kunsill jista' jistabbilixxi.

4. Żewġ Partijiet kontraenti jew aktar jistgħu, permezz ta' notifika xierqa lill-Kunsill u lid-depożitarju, li tidħol fis-seħħ fid-data indikata mill-Partijiet kontraenti kkonċernati u skont il-kundizzjonijiet miftiehma mill-Kunsill, jiddikjaraw li huma qegħdin jipparteċipaw fl-Organizzazzjoni bħala grupp Membru.

5. Kull referenza f'dan il-Ftehim għal "Gvern" jew "Gvernijiet" titqies li tinkludi l-Unjoni Ewropea u kull organizzazzjoni intergovernattiva li għandha

responsabbiltajiet simili fin-negozjar, il-konklużjoni u l-applikazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali, b'mod partikolari ftehimiet dwar il-prodotti bażiċi. Għalhekk, kull referenza f'dan il-Ftehim għall-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni, jew għan-notifika tal-applikazzjoni provviżorja jew għall-adeżjoni għandha, fil-każ ta' tali organizzazzjonijiet intergovernattivi, titqies li tinkludi referenza għall-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni, jew għan-notifika tal-applikazzjoni provviżorja, jew għall-adeżjoni, mit-tali organizzazzjonijiet intergovernattivi.

6. Fil-każ ta' votazzjoni dwar kwistjonijiet taħt il-kompetenzi tagħhom, dawk l-organizzazzjonijiet intergovernattivi għandhom jivvotaw b'numru ta' voti daqs in-numru totali tal-voti attribwiti lill-Istati Membri tagħhom skont l-Artikolu 10. F'dawk il-każijiet, l-Istati membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet intergovernattivi m'għandhomx jeżerċitaw id-drittijiet individwali tal-vot tagħhom.

*Artikolu 5*
***Privileġġi u immunitajiet***

1. L-Organizzazzjoni għandu jkollha personalità legali. B'mod partikolari, għandu jkollha l-kapaċità li tikkuntratta, takkwista u tneħħi proprjetà mobbli u immobbli u li tibda proċeduri ġudizzjarji.

2. L-istatus, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Organizzazzjoni, tad-Direttur Eżekuttiv tagħha, il-persunal u l-esperti tagħha, u r-rappreżentanti tal-Membri waqt li qegħdin fit-territorju tal-gvern ospitanti bil-għan li jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom, għandhom ikomplu jkunu rregolati mill-Ftehim tal-Kwartieri Ġenerali konkluż bejn il-Gvern ospitanti u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw.

3. Il-Ftehim tal-Kwartieri ġenerali msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun indipendenti minn dan il-Ftehim. Madankollu, għandu jintemm:

a) Skont id-dispożizzjonijiet previsti mill-imsemmi Ftehim tal-Kwartieri Ġenerali;

b) Fil-każ li l-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni jkunu ttrasferiti 'l barra mit-territorju tal-Gvern ospitanti; jew

c) Fil-każ li l-Organizzazzjoni ma tibqax teżisti.

4. L-Organizzazzjoni tista' tikkonkludi ftehimiet ma' Membru wieħed jew aktar, li għandhom ikunu approvati mill-Kunsill, fir-rigward tal-privileġġi u l-immunitajiet li jistgħu jkunu meħtieġa għall-ħidma tajba ta' dan il-Ftehim.

# Kapitolu IV – Il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw

*Artikolu 6*
***Il-komposizzjoni tal-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw***

1. Il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw għandu jikkonsisti mill-Membri tal-Organizzazzjoni.

2. Kull Membru għandu jkun irrappreżentat waqt il-laqgħat tal-Kunsill minn rappreżentanti debitament akkreditati.

*Artikolu 7*
***Setgħat u funzjonijiet tal-Kunsill***

1. Il-Kunsill għandu jeżerċita s-setgħat kollha u jwettaq jew jissorvelja l-qadi tal-funzjonijiet kollha li huma meħtieġa biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet espressi taħt dan il-Ftehim.

2. Il-Kunsill m'għandux is-setgħa, u lanqas m'għandu jitqies li kien awtorizzat mill-Membri, li jidħol għal xi obbligu barra l-iskop ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari, ma jkollux il-kapaċità li jissellef il-flus. Biex jeżerċita l-kapaċità tiegħu li jikkuntratta, il-Kunsill għandu jdaħħal fil-kuntratti tiegħu l-kundizzjonijiet ta' din id-dispożizzjoni u tal-Artikolu 23 b'tali mod li jġibhom għall-attenzjoni tal-partijiet l-oħrajn għall-kuntratti; madankollu, jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiddaħlux, il-kuntratt m'għandux jitqies invalidat u l-Kunsill m'għandux jitqies li eċċeda s-setgħat mogħtija lilu.

3. Il-Kunsill għandu jadotta r-Regolamenti meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u kumpatibbli magħhom, inklużi r-regoli ta' proċedura tiegħu u dawk tal-Kumitati tiegħu, ir-Regolament finanzjarju u r-Regolament dwar il-persunal tal-Organizzazzjoni. Dan jista' jipprovdi, fir-Regoli ta' proċedura tiegħu, proċedura li tippermettilu jieħu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet partikolari mingħajr ma jiltaqa'.

4. Il-Kunsill għandu jżomm ir-rekords meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet mogħtija lilu taħt dan il-Ftehim u kwalunkwe rekords oħrajn li huwa jqis xierqa.

5. Il-Kunsill jista' joħloq il-gruppi kollha ta' ħidma meħtieġa sabiex jgħinuh fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu.

*Artikolu 8*
***Il-President u l-Viċi-President tal-Kunsill***

1. Il-Kunsill għandu jeleġġi kull sena tal-kawkaw President u Viċi-President, li ma jitħallsux mill-Organizzazzjoni.

2. Il-President u l-Viċi-President għandhom jittellgħu minn fost ir-rappreżentanti tal-Membri esportaturi jew minn fost ir-rappreżentanti tal-Membri importaturi. Iż-żewġ kategoriji għandhom jiġu alternati, kull sena tal-kawkaw.

3. Fl-assenza temporanja u fl-istess ħin tal-President u tal-Viċi-President jew f'każ ta' assenza permanenti ta' wieħed minnhom jew tat-tnejn, il-Kunsill jista' jeleġġi uffiċjali ġodda li jwettqu dawn il-funzjonijiet minn fost ir-rappreżentanti tal-Membri esportaturi jew minn fost ir-rappreżentanti tal-Membri importaturi, kif ikun xieraq, fuq bażi temporanja jew permanenti skont kif ikun meħtieġ.

4. La l-President u lanqas ebda Membru tal-Bord li jippresjedi laqgħa tal-Kunsill ma għandu jivvota. Membru tad-delegazzjoni tiegħu jista' jeżerċita d-drittijiet tal-vot tal-Membru li jirrappreżenta.

*Artikolu 9*

***Seduti tal-Kunsill***

1. Bħala regola ġenerali, il-Kunsill għandu jkollu seduta regolari f'kull nofs sena tal-kawkaw.

2. Il-Kunsill jista' jiltaqa' f'seduti speċjali kull meta jiddeċiedi hekk jew fuq it-talba ta':

   a) Ħames Membri;

   b) Mill-inqas żewġ Membri li għandhom mill-inqas 200 vot;

   c) Id-Direttur Eżekuttiv, għall-finijiet tal-Artikoli 22 u 59.

3. Is-seduti tal-Kunsill għandhom ikunu mħabbra mill-inqas tletin jum tal-kalendarju minn qabel, ħlief f'każ ta' emerġenza, fejn l-avviż għandu jkun mill-inqas ta' ħmistax-il jum.

4. Is-seduti għandhom isiru fil-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor. Jekk, fuq stedina ta' xi Membru, il-Kunsill jiddeċiedi li jiltaqa' x'imkien ieħor barra l-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni, dak il-Membru għandu jħallas l-ispejjeż addizzjonali involuti, skont ir-regoli amministrattivi tal-Organizzazzjoni.

*Artikolu 10*

***Voti***

1. Il-Membri esportaturi għandhom ikollhom flimkien 1 000 vot u l-Membri importaturi għandhom ikollhom flimkien 1 000 vot. Dawn il-voti għandhom ikunu mqassma f'kull kategorija tal-Membri, jiġifieri dik tal-Membri esportaturi u dik tal-Membri importaturi, skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi li ġejjin ta' dan l-Artikolu.

2. Għal kull sena tal-kawkaw, il-voti tal-Membri esportaturi għandhom jitqassmu kif ġej: kull membru li jesporta għandu jkollu ħames voti bażiċi. Il-voti li jibqa' għandhom jitqassmu bejn il-Membri esportaturi fil-proporzjon tal-volum medju tal-

esportazzjonijiet rispettivi tagħhom tal-kawkaw matul it-tliet snin ta' qabel tal-kawkaw li dwarhom kienet ippubblikata informazzjoni mill-Organizzazzjoni fl-aħħar ħarġa tagħha tal-*Bullettin Trimestrali tal-Istatistiċi tal-Kawkaw*. Għal dan il-għan, l-esportazzjonijiet għandhom jinħadmu billi jingħaddu mal-esportazzjonijiet netti taż-żerriegħa tal-kawkaw, l-esportazzjonijiet netti tal-prodotti derivati mill-kawkaw maqluba f'ekwivalenti taż-żerriegħa permezz tal-koeffiċjenti ta' konverżjoni indikati fl-Artikolu 34.

3. Għal kull sena tal-kawkaw, il-voti tal-Membri importaturi għandhom jinqasmu bejn il-Membri importaturi kollha fil-proporzjon tal-volum medju tal-importazzjonijiet tagħhom tal-kawkaw matul it-tliet snin ta' qabel tal-kawkaw li dwarhom kienet ippubblikata informazzjoni mill-Organizzazzjoni fl-aħħar ħarġa tagħha tal-*Bullettin ta' Kull Kwart tas-Sena tal-Istatistiċi tal-Kawkaw*. Għal dan il-għan, l-importazzjonijiet għandhom jinħadmu billi jingħaddu mal-importazzjonijiet netti taż-żerriegħa tal-kawkaw, l-importazzjonijiet gross tal-prodotti tal-kawkaw, maqluba f'ekwivalenti taż-żerriegħa permezz tal-koeffiċjenti ta' konverżjoni indikati fl-Artikolu 34. L-ebda pajjiż Membru m'għandu jkollu inqas minn ħames voti. Għaldaqstant, id-drittijiet tal-vot tal-pajjiżi Membri li jkollhom għadd ta' voti ogħla mill-minimu jitqassmu fost il-Membri li jkollhom inqas voti mill-minimu.

4. Jekk, għal xi raġuni, jinqalgħu diffikultajiet fl-istabbiliment jew fl-aġġornament tal-bażi tal-istatistika sabiex jinħadmu l-voti skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill jista' jiddeċiedi fuq bażi ta' statistika differenti biex jinħadmu l-voti.

5. L-ebda Membru, ħlief għal dawk imsemmija fil-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 4, m'għandu jkollu aktar minn 400 vot. Il-voti ogħla minn din il-figura li jirriżultaw mill-kalkoli indikati fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqassmu mill-ġdid bejn il-Membri l-oħrajn skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi msemmija.

6. Meta l-kompożizzjoni tal-Organizzazzjoni tinbidel jew meta d-dritt tal-vot ta' Membri jiġi sospiż jew jingħata lura b'applikazzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill għandu jipprovdi għat-tqassim mill-ġdid tal-voti skont dan l-Artikolu. L-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe organizzazzjoni intergovernattiva kif definita fl-Artikolu 4 għandu jkollha voti bħala Membru uniku, skont il-proċedura msemmija fil-paragrafi 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu.

7. Ma jistax ikun hemm voti frazzjonali.

## *Artikolu 11*
## ***Proċedura tal-voti tal-Kunsill***

1. Kull Membru għandu, għall-finijiet ta' votazzjoni, in-numru ta' voti li għandu u l-ebda membru mhuwa intitolat li jaqsam il-voti tiegħu. Membru jista', madankollu, jitfa' b'mod differenti mit-tali voti kull vot li huwa awtorizzat li jitfa' taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. B'avviż bil-miktub indirizzat lill-President tal-Kunsill, kull Membru esportatur jista' jawtorizza kull Membru esportatur ieħor, u kull Membru importatur jista' jawtorizza kull Membru importatur ieħor, sabiex jirrappreżenta l-interessi tiegħu li jitfa' l-voti

tiegħu f'kull laqgħa tal-Kunsill. F'dan il-każ, il-limitazzjoni pprovduta fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 10 m'għandhiex tapplika.

3. Membru awtorizzat minn Membru ieħor biex juża l-voti li jkollu dak il-Membru l-ieħor taħt l-Artikolu 10 għandu juża dawk il-voti skont l-istruzzjonijiet li jirċievi mingħand dak il-Membru.

*Artikolu 12*

***Deċiżjonijiet tal-Kunsill***

1. Il-Kunsill għandu jirsisti sabiex jieħu d-deċiżjonijiet kollha tiegħu u li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet kollha tiegħu permezz ta' kunsens. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, il-Kunsill għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu permezz ta' vot speċjali, skont il-proċeduri li ġejjin:

   a) Jekk il-proposta ma tiksibx il-maġġoranza meħtieġa mill-vot speċjali minħabba l-vot negattiv ta' aktar minn tliet Membri esportaturi jew ta' aktar minn tliet Membri importaturi, din għandha titqies li ma ġietx aċċettata;

   b) Jekk il-proposta ma tiksibx il-maġġoranza meħtieġa mill-vot speċjali minħabba l-vot negattiv ta' tliet Membri esportaturi jew anqas jew ta' tliet Membri importaturi jew anqas, din għandha terġa' titpoġġa għall-votazzjoni fi żmien 48 siegħa; u

   c) Jekk il-proposta tibqa' ma tiksibx il-maġġoranza meħtieġa mill-vot speċjali, din titqies mhux aċċettata.

2. Fl-għadd tal-voti meħtieġa għal kwalunkwe deċiżjoni jew rakkomandazzjoni tal-Kunsill, il-voti tal-Membri li jastjenu ma jiġux ikkunsidrati.

3. Il-Membri jintrabtu li jikkunsidraw lilhom infushom marbuta minn kwalunkwe deċiżjoni li jieħu l-Kunsill b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 13*

***Koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra***

1. Il-Kunsill għandu jagħmel kull arranġament li hemm bżonn sabiex jikkonsulta jew jikkoopera mal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u l-korpi tagħha, b'mod partikolari l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Kummerċ u l-Iżvilupp, u mal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ikel u l-Agrikultura u l-istituzzjonijiet speċjalizzati l-oħrajn tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet intergovernattivi, skont kif ikun meħtieġ.

2. Il-Kunsill, waqt li jikkunsidra l-irwol partikolari tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp fil-kummerċ internazzjonali tal-prodotti bażiċi, għandu, skont il-każ, iżomm lil dik l-organizzazzjoni informata dwar l-attivitajiet u l-programmi ta' ħidma tiegħu.

3. Il-Kunsill jista' wkoll jagħmel kull arranġament meħtieġ sabiex iżomm kuntatt effettiv mal-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-produtturi, kummerċjanti u manifatturi tal-kawkaw.

4. Il-Kunsill għandu jfittex li jinvolvi lill-aġenziji finanzjarji internazzjonali u partijiet oħra b'interess fl-ekonomija dinjija tal-kawkaw fix-xogħol tiegħu dwar il-politika ta' produzzjoni u ta' konsum tal-kawkaw.

5. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jikkoopera ma' esperti oħrajn kompetenti fis-suġġett tal-kawkaw.

*Artikolu 14*

***Stedina u ammissjoni tal-osservaturi***

1. Il-Kunsill jista' jistieden lil kull Stat mhux membru biex jattendi kull waħda mil-laqgħat tiegħu bħala osservatur.

2. Il-Kunsill jista' jistieden ukoll kull organizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 biex tattendi kull waħda mil-laqgħat tiegħu bħala osservatur.

3. Il-Kunsill jista' jistieden ukoll, bħala osservaturi, organizzazzjonijiet mhux governattivi li jkollhom l-esperjenza meħtieġa f'oqsma tal-industrija tal-kawkaw.

4. Għal kull seduta, il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni tal-osservaturi, inklużi, skont il-każ, organizzazzjonijiet mhux governattivi li jkollhom l-esperjenza meħtieġa f'oqsma tal-industrija tal-kawkaw, skont ir-Regolament amministrattiv tal-Organizzazzjoni.

*Artikolu 15*

***Kworum***

1. Il-kworum meħtieġ għall-ftuħ ta' sessjoni tal-Kunsill għandu jkun kostitwit mill-preżenza ta' mill-anqas ħames Membri esportaturi u maġġoranza tal-Membri importaturi, sakemm it-tali Membri flimkien ikollhom f'kull kategorija mill-anqas żewġ terzi tal-voti totali tal-Membri f'dik il-kategorija.

2. Jekk ma jintlaħaqx il-kworum previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fid-data magħżula għal-laqgħa tal-ftuħ tas-seduta fit-tieni jum, u matul il-bqija tas-seduta, il-kworum għas-seduta tal-ftuħ jitqies kostitwit bil-preżenza tal-Membri esportaturi u importaturi li jkollhom maġġoranza sempliċi tal-voti f'kull kategorija.

3. Il-kworum għal-laqgħat wara l-laqgħa tal-ftuħ ta' kull seduta skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun dak preskritt fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Kull Membru rappreżentat skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 għandu jitqies bħala preżenti.

## Kapitolu V – Is-Segretarjat tal-Organizzazzjoni

*Artikolu 16*
***Id-Direttur Eżekuttiv u l-persunal tal-Organizzazzjoni***

1. Is-Segretarjat jinkludi d-Direttur Eżekuttiv u l-persunal.

2. Il-Kunsill għandu jaħtar lid-Direttur Eżekuttiv għal mandat li t-tul tiegħu m'għandux jaqbeż dak tal-Ftehim u tal-estensjonijiet possibbli tiegħu. Huwa għandu jistabbilixxi r-regoli tal-għażla tal-kandidati u l-kundizzjonijiet tal-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun l-ogħla uffiċjal tal-Organizzazzjoni; huwa għandu jkun responsabbli quddiem il-Kunsill għall-amministrazzjoni u l-operat ta' dan il-Ftehim skont id-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

4. Il-persunal tal-Organizzazzjoni għandu jkun responsabbli quddiem id-Direttur Eżekuttiv.

5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jaħtar il-persunal skont ir-Regolament stabbilit mill-Kunsill. Biex jistabbilixxi dan ir-Regolament, il-Kunsill għandu jikkunsidra lil dawk li japplikaw għall-persunal ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi simili. L-uffiċjali għandhom jintagħżlu, safejn huwa possibbli, fost iċ-ċittadini tal-Membri esportaturi u tal-Membri importaturi.

6. La d-Direttur Eżekuttiv u lanqas il-persunal m'għandhom ikollhom interess finanzjarju fl-industrija, il-kummerċ, it-trasport jew ir-reklamar tal-kawkaw.

7. Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom, id-Direttur Eżekuttiv u l-persunal la għandhomx ifittxu u lanqas jaċċettaw istruzzjonijiet minn xi Membru jew xi awtorità barra l-Organizzazzjoni. Huma għandhom jastjenu minn kull azzjoni inkumpatibbli mas-sitwazzjoni tagħhom ta' uffiċjali internazzjonali responsabbli biss lejn l-Organizzazzjoni. Kull Membru għandu jintrabat li jirrispetta l-karattru esklużivament internazzjonali tal-funzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv u tal-persunal, u li ma jippruvax jinfluwenzahom fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom.

8. Id-Direttur Eżekuttiv jew il-persunal tal-Organizzazzjoni m'għandhomx jiżvelaw informazzjoni li tirrigwarda l-operat jew l-amministrazzjoni ta' dan il-Ftehim, għajr jekk il-Kunsill jawtorizzahom jew jekk il-qadi xieraq tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan il-Ftehim ikun jeħtieġ dan.

*Artikolu 17*
***Programm ta' ħidma***

1. Fl-ewwel seduta tal-Kunsill wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, id-Direttur Eżekuttiv għandu jressaq pjan strateġiku għal ħames snin għar-reviżjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill. Sena qabel ma jiskadi l-pjan strateġiku għal ħames snin, id-Direttur Eżekuttiv għandu jressaq abbozz ta' pjan strateġiku ġdid għal ħames snin quddiem il-Kunsill.

2. Fl-aħħar seduta tiegħu tas-sena tal-kawkaw, il-Kunsill, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku, għandu jadotta l-programm ta' ħidma tal-Organizzazzjoni stabbilit mid-Direttur Eżekuttiv għas-sena ta' wara. Il-programm ta' ħidma jinkludi l-proġetti, l-inizjattivi u l-attivitajiet li għandhom jitwettqu mill-Organizzazzjoni. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplimenta l-programm ta' ħidma.

3. Fl-aħħar seduta tiegħu tas-sena tal-kawkaw, il-Kumitat Ekonomiku għandu jivvaluta l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma għas-sena kurrenti fuq il-bażi tar-rapport mid-Direttur Eżekuttiv. Il-Kumitat Ekonomiku għandu jressaq il-konklużjonijiet tiegħu lill-Kunsill.

*Artikolu 18*
***Rapport annwali***

Il-Kunsill għandu jippubblika rapport annwali.

# Kapitolu VI – Il-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju

*Artikolu 19*
*L-istabbiliment tal-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju*

1. Għandu jitwaqqaf Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju. Dan għandu jkun responsabbli:

   a) Għas-sorveljanza, fuq il-bażi ta' proposta ta' baġit imressqa mid-Direttur Eżekuttiv, tal-elaborazzjoni tal-abbozz tal-baġit amministrattiv għas-sottomissjoni lill-Kunsill;

   b) Għat-twettiq ta' kwalunkwe kompitu amministrattiv u finanzjarju ieħor li jafdalu l-Kunsill, inkluż il-monitoraġġ tad-dħul u l-infiq kif ukoll il-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-amministrazzjoni tal-Organizzazzjoni.

2. Il-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju għandu jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq.

3. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi r-regolament tal-Kumitat amministrattiv u finanzjarju.

*Artikolu 20*
***Il-kompożizzjoni tal-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju***

1. Il-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju għandu jkun magħmul minn sitt Membri esportaturi li jservu b'rotazzjoni u minn sitt Membri importaturi.

2. Kull Membru tal-Kumitat amministrattiv u finanzjarju jaħtar rappreżentant u, jekk ikun jixtieq, sostitut wieħed jew aktar. Il-Membri ta' kull kategorija għandhom jiġu eletti mill-Kunsill, fuq il-bażi tat-tqassim tal-voti previst fl-Artikolu 10. Il-mandat tagħhom għandu jkun għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded.

3. Il-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju għandu jeleġġi President u Viċi-President minn fost ir-rappreżentanti tiegħu għal perjodu ta' sentejn. Il-funzjonijiet tal-President u tal-Viċi-President jitwettqu b'mod alternat mill-Membri esportaturi u mill-Membri importaturi.

*Artikolu 21*
***Laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju***

1. Il-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju għandhom ikunu miftuħa għall-Membri l-oħrajn kollha tal-Organizzazzjoni bħala osservaturi.

2. Il-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju għandu jiltaqa' normalment fil-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni, sakemm ma jiddeċidix mod ieħor. Jekk, fuq stedina ta' xi Membru, il-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju jiltaqa' xi mkien ieħor barra l-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni, dak il-Membru għandu jħallas l-ispejjeż addizzjonali involuti, skont ir-regoli amministrattivi tal-Organizzazzjoni.

3. Il-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju għandu jiltaqa' normalment darbtejn fis-sena u għandu jagħmel rapport dwar il-ħidma tiegħu lill-Kunsill.

# Kapitolu VII - Finanzi

*Artikolu 22*
***Finanzi***

1. Għandu jinżamm kont amministrattiv għall-amministrazzjoni ta' dan il-Ftehim. L-ispejjeż meħtieġa għall-amministrazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiddaħħlu fil-kont tal-amministrazzjoni u għandhom jitħallsu mill-kontribuzzjonijiet annwali tal-Membri stmati skont l-Artikolu 24. Jekk, madankollu, Membru jitlob servizzi speċjali, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jilqa' t-talba u jitlob lil dak il-Membru jħallas għalihom.

2. Il-Kunsill jista' jistabbilixxi kontijiet separati għal skopijiet speċifiċi, skont l-għanijiet ta' dan il-Ftehim. Dawn il-kontijiet għandhom ikunu ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Membri u ta' korpi oħra.

3. Is-sena finanzjarja tal-Organizzazzjoni għandha tkun l-istess bħas-sena tal-kawkaw.

4. L-ispejjeż tad-delegazzjonijiet tal-Kunsill, tal-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju, tal-Kumitat Ekonomiku u ta' kull Kumitat tal-Kunsill jew tal-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju u tal-Kumitat Ekonomiku għandhom jitħallsu mill-Membri kkonċernati.

5. Jekk il-finanzi tal-Organizzazzjoni ma jkunux jew jidhru li ma jkunux biżżejjed biex tiffinanzja l-bqija tas-sena tal-kawkaw, id-Direttur Eżekuttiv għandu jsejjaħ seduta speċjali tal-Kunsill fi żmien ħmistax-il jum, sakemm ma tkunx prevista laqgħa tal-Kunsill fi żmien tletin jum tal-kalendarju.

*Artikolu 23*
***Responsabbiltajiet tal-Membri***

Ir-responsabbiltajiet ta' Membru lejn il-Kunsill u lejn Membri oħrajn huma limitati għall-obbligi tiegħu li jirrigwardaw il-kontribuzzjonijiet ipprovduti speċifikament f'dan il-Ftehim. Partijiet terzi li jinnegozjaw mal-Kunsill jitqiesu li kienu infurmati dwar id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim dwar is-setgħat tal-Kunsill u l-obbligi tal-Membri, b'mod partikolari, il-paragrafu 2 tal-Artikolu 7 u l-ewwel sentenza ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 24*
***L-adozzjoni tal-baġit amministrattiv u l-iffissar tal-kontribuzzjonijiet***

1. Matul it-tieni nofs ta' kull sena finanzjarja, il-Kunsill għandu jadotta l-baġit amministrattiv tal-Organizzazzjoni għas-sena finanzjarja ta' wara, u għandu jistma l-kontribuzzjonijiet ta' kull Membru għal dan il-baġit.

2. Għal kull sena finanzjarja, il-kontribuzzjoni ta' kull Membru għall-baġit amministrattiv għandha tkun proporzjonata skont ir-relazzjoni li teżisti, fil-mument meta jiġi adottat il-baġit amministrattiv ta' dik is-sena finanzjarja, bejn l-għadd ta' voti ta' dak il-Membru u l-għadd ta' voti tal-Membri kollha. Għall-iffissar tal-kontribuzzjonijiet, il-voti ta' kull Membru għandhom jingħaddu mingħajr ma tiġi kkunsidrata s-sospensjoni tad-drittijiet tal-vot ta' xi Membru u kwalunkwe tqassim mill-ġdid ta' voti li jirriżulta minnha.

3. Il-Kunsill għandu jiffissa l-kontribuzzjoni tal-bidu ta' kull Membru li jidħol fl-Organizzazzjoni wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, skont l-għadd ta' voti li jingħatawlu u l-porzjon li jkun fadal tas-sena finanzjarja kurrenti. Madankollu, il-kontribuzzjonijet mogħtija lill-Membri l-oħrajn għas-sena finanzjarja kurrenti m'għandhomx jinbidlu.

4. Jekk dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ qabel il-bidu tal-ewwel sena sħiħa finanzjarja, il-Kunsill għandu, fl-ewwel seduta tiegħu, jadotta baġit amministrattiv li jkopri l-perjodu sal-bidu tal-ewwel sena sħiħa finanzjarja.

*Artikolu 25*

***Pagament tal-kontribuzzjonijiet għall-baġit amministrattiv***

1. Il-kontribuzzjonijiet għall-baġit amministrattiv ta' kull sena finanzjarja għandhom ikunu pagabbli f'munita li tkun konvertita liberament, ikunu eżenti mir-restrizzjonijiet ta' kambju u jkunu dovuti fl-ewwel jum ta' dik is-sena finanzjarja. Il-kontribuzzjonijiet tal-Membri għas-sena finanzjarja li fiha jingħaqdu mal-Organizzazzjoni jkunu dovuti fid-data meta jsiru Membri.

2. Il-kontribuzzjonijiet għall-baġit amministrattiv approvati taħt il-paragrafu 4 tal-Artikolu 24 għandhom jitħallsu fi żmien tliet xhur mid-data li fiha jkunu ġew iffissati.

3. Jekk, fl-aħħar tal-ewwel erba' xhur tas-sena finanzjarja jew, fil-każ ta' Membru ġdid, tliet xhur wara li l-Kunsill ikun iffissa l-kontribuzzjoni tiegħu, Membru ma jħallasx il-kontribuzzjoni sħiħa tiegħu għall-baġit amministrattiv, id-Direttur Eżekuttiv għandu jitlob lil dak il-Membru biex jagħmel pagament mill-aktar fis possibbli. Jekk, hekk kif jiskadu xahrejn wara t-talba tad-Direttur Eżekuttiv, dak il-Membru jibqa' ma jħallasx il-kontribuzzjoni tiegħu, id-drittijiet tal-vot ta' dak il-Membru fil-Kunsill u fil-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju għandhom ikunu sospiżi sakemm jitħallas il-pagament sħiħ tal-kontribuzzjoni.

4. Membru li d-drittijiet tal-vot tiegħu jiġu sospiżi taħt il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ma jitlifx drittijiet jew obbligi oħra tiegħu taħt dan il-Ftehim, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor. Huwa jibqa' obbligat li jħallas il-kontribuzzjoni u li jaqdi kull obbligu finanzjarju ieħor taħt dan il-Ftehim.

5. Il-Kunsill għandu jikkunsidra l-kwistjoni ta' sħubija ta' kwalunkwe Membru li ma jkunx ħallas il-kontribuzzjoni ta' sentejn u jista' jiddeċiedi li dak il-Membru għandu jieqaf igawdi mid-drittijiet mogħtija lilu bħala Membru u/jew ma jibqax jiġi kkunsidrat għall-finijiet baġitarji. Il-Membru inkwistjoni għandu jibqa' obbligat li jaqdi kull obbligu finanzjarju ieħor taħt dan il-Ftehim. Bil-pagament tal-arretrati, il-membru jerġa' jikseb id-drittijiet tiegħu ta' Membru. Kull ħlas li jsir minn Membru li

jkollu xi arretrati għandu jkun ikkreditat l-ewwel għall-ħlas ta' dawk l-arretrati, minflok għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għas-sena finanzjarja kurrenti.

*Artikolu 26*
***Verifika u pubblikazzjoni tal-kontijiet***

1. Hekk kif ikun possibbli, iżda mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, il-prospett tal-kontijiet tal-Organizzazzjoni għal dik is-sena finanzjarja u l-bilanċ fl-għeluq ta' dik is-sena finanzjarja taħt il-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 22, għandhom ikunu vverifikati. Il-verifika għandha ssir minn awditur indipendenti ta' reputazzjoni rikonoxxuta, li jinħatar mill-Kunsill għal kull sena finanzjarja baġitarja.

2. Il-kundizzjonijiet tal-ħatra tal-awditur indipendenti ta' reputazzjoni rikonoxxuta, kif ukoll l-intenzjonijiet u l-għanijiet tal-verifika, għandhom ikunu stabbiliti fir-Regolamenti finanzjarji tal-Organizzazzjoni. Il-prospett verifikat tal-kontijiet u l-bilanċ verifikat tal-Organizzazzjoni għandhom ikunu ppreżentati lill-Kunsill fis-seduta regolari li jmiss għall-approvazzjoni.

3. Sommarju tal-kontijiet u tal-bilanċ ivverifikati għandu jkun ippubblikat.

# Kapitolu VIII – Il-Kumitat Ekonomiku

*Artikolu 27*
***L-istabbiliment tal-Kumitat Ekonomiku***

1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat Ekonomiku. Il-Kumitat għandu jkun responsabbli:

   a) Għar-reviżjoni tal-istatistiċi dwar il-kawkaw u l-analiżi statistika tal-produzzjoni, tal-konsum, tal-ħażniet, tat-tħin, tal-kummerċ internazzjonali u tal-prezzijiet tal-kawkaw;

   b) Għar-reviżjoni tal-analiżijiet tat-tendenzi tas-suq u ta' fatturi oħrajn li jaffettwaw lil dawn it-tendenzi, b'mod partikolari l-offerta u d-domanda tal-kawkaw, inkluż l-effett tal-użu ta' prodotti ta' sostituzzjoni tal-butir tal-kawkaw fuq il-konsum u l-kummerċ internazzjonali tal-kawkaw;

   c) Għall-analiżi tal-informazzjoni dwar l-aċċess għas-suq tal-kawkaw u tal-prodotti derivati mill-kawkaw fil-pajjiżi produtturi u konsumaturi, inkluża l-informazzjoni dwar l-ostakli ta' tariffi u anki mhux relatati mat-tariffi kif ukoll l-attivitajiet li jsiru mill-Membri sabiex jiffavorixxu t-tneħħija tal-ostakli tal-kummerċ;

   d) Għar-reviżjoni u r-rakkomandazzjoni lill-Kunsill tal-proġetti maħsuba li jiġu ffinanzjati mill-Fond Komuni għall-Komiditajiet (FKK) jew korpi donaturi oħrajn;

   e) Għar-reviżjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-aspetti ekonomiċi tal-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija tal-kawkaw;

f) Għar-reviżjoni tal-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali tal-Organizzazzjoni, b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju jekk ikun meħtieġ;

g) It-tħejjija ta' konferenzi u seminars internazzjonali dwar il-kawkaw, fuq talba tal-Kunsill;

h) Għar-reviżjoni ta' kwalunkwe kwistjoni oħra approvata mill-Kunsill.

2. Il-Kumitat Ekonomiku għandu jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq.

3. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Kumitat Ekonomiku.

*Artikolu 28*
***Il-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku***

1. Il-Kumitat Ekonomiku għandu jkun miftuħ għall-Membri kollha tal-Organizzazzjoni.

2. Il-membri tal-Kumitat Ekonomiku jeleġġu President u Viċi-President għal perjodu ta' sentejn. Il-funzjonijiet tal-President u tal-Viċi-President jitwettqu b'mod alternat mill-Membri esportaturi u mill-Membri importaturi.

*Artikolu 29*
***Laqgħat tal-Kumitat Ekonomiku***

1. Il-Kumitat Ekonomiku għandu jiltaqa' normalment fil-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni, sakemm ma jiddeċidix mod ieħor. Jekk, fuq stedina ta' xi Membru, il-Kumitat Ekonomiku jiltaqa' xi mkien ieħor barra l-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni, dak il-Membru għandu jħallas l-ispejjeż addizzjonali involuti, skont ir-regoli amministrattivi tal-Organizzazzjoni.

2. Il-Kumitat Ekonomiku għandu jiltaqa' normalment darbtejn fis-sena, fl-istess waqt tas-seduti tal-Kunsill. Il-Kumitat Ekonomiku għandu jagħmel rapport lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu.

# Kapitolu IX – Trasparenza fis-suq

*Artikolu 30*
***Informazzjoni u trasparenza fis-suq***

1. L-Organizzazzjoni sservi bħala ċentru dinji ta' informazzjoni għall-ġbir, l-iggruppar, l-iskambju u t-tixrid effiċjenti ta' dejta statistika u ta' studji fl-oqsma kollha relatati mal-kawkaw u mal-prodotti derivati mill-kawkaw. Għal dan il-għan, l-Organizzazzjoni:

a) Għandha żżomm informazzjoni aġġornata dwar il-produzzjoni, it-tħin, il-konsum, l-esportazzjonijiet, l-esportazzjonijiet mill-ġdid, l-importazzjonijiet, il-prezzijiet u l-ħażniet tal-kawkaw u tal-prodotti derivati mill-kawkaw;

b) Għandha titlob, skont kif ikun meħtieġ, informazzjoni teknika dwar it-tkabbir, il-bejgħ, it-trasport, l-ipproċessar, l-użu u l-konsum tal-kawkaw.

2. Il-Kunsill jista' jitlob lill-Membri sabiex jipprovdu informazzjoni dwar il-kawkaw li huwa jqis meħtieġa għall-funzjonament tiegħu, inkluża informazzjoni dwar il-politiki governattivi, dwar it-taxxi kif ukoll dwar l-istandards, il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli għall-kawkaw.

3. Sabiex jippromwovu t-trasparenza fis-suq, il-Membri għandhom jibagħtu statistiċi rilevanti kemm jista' jkun dettaljati u affidabbli, sakemm dan ikun possibbli u fi żmien raġonevoli, lid-Direttur Eżekuttiv.

4. Jekk Membru ma jipprovdix jew ikollu diffikultajiet sabiex jipprovdi fi żmien raġonevoli d-dejta statistika mitluba mill-Kunsill sabiex jassigura l-funzjonament tajjeb tal-Organizzazzjoni, dan jista' jitolbu r-raġuni. Meta jitqies li tkun meħtieġa għajnuna f'dan il-qasam, il-Kunsill jista' joffri l-appoġġ mixtieq sabiex jingħelbu d-diffikultajiet misjuba.

5. Il-Kunsill għandu jippubblika, f'dati xierqa, iżda mill-inqas darbtejn fis-sena tal-kawkaw, projezzjonijiet tal-produzzjoni u t-tħin tal-kawkaw. Il-Kunsill jista' juża informazzjoni rilevanti minn sorsi oħrajn sabiex isegwi l-iżvilupp tas-suq u jevalwa l-livelli attwali u potenzjali ta' produzzjoni u konsum tal-kawkaw. Madankollu, il-Kunsill ma jista' jippubblika l-ebda informazzjoni li tista' tiżvela l-attività ta' persuni fiżiċi jew ta' istituzzjonijiet kummerċjali li jipproduċu, jipproċessaw jew iqassmu l-kawkaw.

*Artikolu 31*
***Ħażniet***

1. Biex jiffaċilita l-evalwazzjoni tal-volum tal-ħażniet dinjija tal-kawkaw sabiex tkun żgurata trasparenza akbar fis-suq, kull Membru għandu jipprovdi kull sena, sa mhux aktar tard minn Mejju, it-tagħrif dwar il-livell tal-ħażniet taż-żerriegħa tal-kawkaw u tal-prodotti derivati mill-kawkaw miżmuma f'pajjiżu lid-Direttur Eżekuttiv, skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 30.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jassigura l-kollaborazzjoni attiva tas-settur privat f'dan ix-xogħol, filwaqt li jiggarantixxi l-kunfidenzjalità kummerċjali tal-informazzjoni pprovduta.

3. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta rapport annwali lill-Kumitat Ekonomiku dwar is-sitwazzjoni tal-ħażniet dinjija taż-żerriegħa tal-kawkaw u tal-prodotti derivati mill-kawkaw.

*Artikolu 32*
***Prodotti ta' sostituzzjoni tal-kawkaw***

1. Il-Membri jirrikonoxxu li l-użu ta' prodotti ta' sostituzzjoni jista' jkollu effetti negattivi fuq it-tkabbir tal-konsum tal-kawkaw u l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli tal-kawkaw. Dwar dan, il-Membri għandhom jikkunsidraw kompletament ir-

rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-korpi internazzjonali kompetenti, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Codex Alimentarius.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jagħmel rapporti regolari lill-Kumitat Ekonomiku dwar l-iżvilupp tas-sitwazzjoni. Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kumitat Ekonomiku għandu jevalwa s-sitwazzjoni u, jekk meħtieġ, jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill sabiex jittieħdu deċiżjonijiet xierqa.

*Artikolu 33*
***Prezz indikatur***

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim u b'mod partikolari għall-finijiet ta' sorveljanza tal-evoluzzjoni tas-suq tal-kawkaw, id-Direttur Eżekuttiv għandu jaħdem u jippubblika prezz indikatur tal-ICCO taż-żerriegħa tal-kawkaw. Dan il-prezz għandu jkun espress f'dollari Amerikani għal kull tunnellata, f'Euro għal kull tunnellata, f'Liri Sterlini għal kull tunnellata u drittijiet speċjali għall-ġbid (SDRs) għal kull tunnellata.

2. Il-prezz indikatur tal-ICCO għandu jkun il-medja li tittieħed kuljum tal-kwotazzjonijiet taż-żerriegħa tal-kawkaw tal-eqreb tliet xhur attivi fis-suq tal-istrumenti finanzjarji ta' Londra (NYSE Liffe) u fis-suq ta' New York (ICE Futures US) fil-ħin tal-għeluq tas-suq ta' Londra. Il-prezzijiet ta' Londra jinqalbu f'dollari Amerikani għal kull tunnellata bl-użu tar-rata kurrenti tal-kambju ta' sitt xhur bil-quddiem stabbilita f'Londra fil-ħin tal-għeluq. Il-medja f'dollari Amerikani tal-prezzijiet ta' Londra u ta' New York jinqalbu f'Euro u f'Liri Sterlini bir-rata tal-kambju tal-valur ta' Londra fl-għeluq, kif ukoll f'SDR bir-rata uffiċjali xierqa tal-kambju ta' kuljum tad-dollaru Amerikan f'SDR, ippubblikat mill-Fond Monetarju Internazzjonali. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq il-metodu tal-kalkolu li għandu jintuża meta l-kwotazzjonijiet fuq wieħed biss minn dawn iż-żewġ swieq tal-kawkaw ikun disponibbli jew meta s-suq tal-kambju ta' Londra jkun magħluq. Iż-żmien għat-trasferiment għall-perjodu li jmiss tat-tliet xhur ikun il-ħmistax tax-xahar li jiġi eżatt qabel l-eqreb xahar attiv li se jimmatura.

3. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi dwar xi metodu ieħor biex jinħadem il-prezz indikatur tal-ICCO jekk iqis li dan il-metodu jkun aħjar minn dak preskritt f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 34*
***Fatturi tal-konverżjoni***

1. Bil-għan li tkun stabbilita l-ekwivalenza f'żerriegħa tal-prodotti derivati mill-kawkaw, il-fatturi tal-konverżjoni għandhom ikunu dawn li ġejjin: butir tal-kawkaw 1,33; kejkijiet u trab tal-kawkaw 1,18; pejst/likuri tal-kawkaw u żerriegħa mneħħija minn ġol-qoxra 1,25. Il-Kunsill jista' jistabilixxi, jekk meħtieġ, li prodotti oħra li fihom il-kawkaw huma prodotti tal-kawkaw. Il-fatturi tal-konverżjoni għall-prodotti tal-kawkaw minbarra dawk li għalihom il-fatturi tal-konverżjoni huma ppreżentati f'dan l-Artikolu għandhom ikunu stabbiliti mill-Kunsill.

2. Il-Kunsill jista' jirrevedi l-fatturi tal-konverżjoni indikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 35*
***Riċerka u żvilupp xjentifiku***

Il-Kunsill għandu jħeġġeġ u jiffavorixxi r-riċerka u l-iżvilupp xjentifiku fil-qasam tal-produzzjoni, it-trasport, l-ipproċessar, il-bejgħ u l-konsum tal-kawkaw, kif ukoll it-tixrid u l-applikazzjoni prattika tar-riżultati tagħhom. Għal dan il-għan, l-Organizzazzjoni tista' tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, istituti ta' riċerka u s-settur privat.

# Kapitolu X – L-iżvilupp tas-suq

*Artikolu 36*
***Analiżi tas-suq***

1. Il-Kumitat Ekonomiku għandu janalizza t-tendenzi u l-prospetti ta' żvilupp fis-setturi tal-produzzjoni u l-konsum tal-kawkaw, kif ukoll l-evoluzzjoni tal-ħażniet u tal-prezzijiet, u jidentifika n-nuqqas ta' bilanċ fis-suq fi stadju bikri.

2. Fl-ewwel seduta tiegħu, fil-bidu tas-sena l-ġdida tal-kawkaw, il-Kumitat Ekonomiku għandu jevalwa l-istima annwali ta' produzzjoni u ta' konsum dinjija għall-ħames snin tal-kawkaw li jkun ġejjin. L-istimi stabbiliti għandhom jiġu studjati u riveduti kull sena jekk ikun meħtieġ.

3. Il-Kumitat Ekonomiku għandu jressaq rapporti dettaljati f'kull seduta ordinarja tal-Kunsill. Dan, fuq il-bażi ta' dawk ir-rapporti, iqis is-sitwazzjoni ġenerali, billi jevalwa b'mod partikolari l-evoluzzjoni tal-offerta u tad-domanda dinjija. Il-Kunsill jista' jressaq xi rakkomandazzjonijiet lill-Membri fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni.

4. Fuq il-bażi ta' dawn l-istimi, sabiex jiġi stabbilit bilanċ fis-suq fuq żmien medju u fit-tul, il-Membri esportaturi jistgħu jikkunsidraw li jikkoordinaw il-politiki tagħhom ta' produzzjoni nazzjonali.

*Artikolu 37*
***Promozzjoni tal-konsum***

1. Il-Membri għandhom jintrabtu li jinkoraġġixxu l-konsum taċ-ċikkulata u l-użu tal-prodotti derivati mill-kawkaw, li jtejbu l-kwalità tal-prodotti u li jiżviluppaw is-swieq tal-kawkaw, inkluż fil-pajjiżi Membri esportaturi. Kull Membru għandu jkun responsabbli għall-mezzi u l-metodi li juża għal dan il-għan.

2. Il-Membri kollha għandhom jagħmlu sforz sabiex ineħħu jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-ostakli interni għall-iżvilupp tal-konsum tal-kawkaw. F'dan ir-rigward, il-Membri għandhom iżommu lid-Direttur Eżekuttiv informat b'mod regolari dwar il-liġijiet nazzjonali u l-miżuri relatati u għandhom jipprovdulu kwalunkwe informazzjoni oħra li tirrigwarda l-konsum tal-kawkaw, inklużi t-taxxi nazzjonali u d-dazji doganali.

3. Il-Kumitat Ekonomiku għandu jistabbilixxi programm ta' attivitajiet ta' promozzjoni tal-Organizzazzjoni, li jista' jinkludi t-tnedija ta' kampanji ta' informazzjoni, ir-riċerka, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-twettiq ta' studji dwar il-produzzjoni u l-konsum

tal-kawkaw. L-Organizzazzjoni għandha tfittex il-kollaborazzjoni tas-settur privat għat-twettiq tal-attivitajiet tagħha.

4. L-attivitajiet ta' promozzjoni għandhom ikunu inklużi fil-programm ta' ħidma annwali tal-Organizzazzjoni, u jistgħu jkunu ffinanzjati minn riżorsi mħabbra minn xi Membri, minn dawk li mhumiex membri, minn organizzazzjonijiet oħrajn u mis-settur privat.

*Artikolu 38*

***Studji, stħarriġ u rapporti***

1. Biex jgħin lill-Membri tiegħu, il-Kunsill għandu jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' studji, stħarriġ, rapporti tekniċi u dokumenti oħrajn dwar l-ekonomija tal-produzzjoni u t-tqassim tal-kawkaw. Dawn jinkludu x-xejriet u l-projezzjonijiet, l-impatt tal-miżuri meħuda mill-gvernijiet tal-pajjiżi esportaturi u importaturi fuq il-produzzjoni u l-konsum tal-kawkaw, l-analiżi tal-katina ta' valur tal-kawkaw, l-approċċi tal-ġestjoni tar-riskji finanzjarji u oħrajn, l-aspetti marbuta mas-sostenibbiltà tas-settur tal-kawkaw, il-possibbiltajiet ta' tkabbir tal-konsum tal-kawkaw fl-użi tradizzjonali u ġodda tiegħu, ir-rabtiet bejn il-kawkaw u s-saħħa, kif ukoll l-effetti tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim fuq l-esportaturi u l-importaturi tal-kawkaw, b'mod partikolari t-termini ta' kummerċ.

2. Il-Kunsill jista' wkoll jinkoraġġixxi l-istudji li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib fit-trasparenza fis-suq u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' ekonomija dinjija bilanċjata u sostenibbli tal-kawkaw.

3. Għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku, jista' jadotta lista ta' studji, stħarriġ u rapporti li għandhom ikunu inklużi fil-programm ta' ħidma annwali, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17 ta' dan il-Ftehim. Dawn l-attivitajiet jistgħu jkunu ffinanzjati minn riżorsi tal-baġit amministrattiv jew permezz ta' sorsi oħrajn.

# Kapitolu XI - Kawkaw fin ("*fine*" jew "*flavour*")

*Artikolu 39*

***Kawkaw fin ("*fine*" *jew* "*flavour*")***

1. Il-Kunsill għandu, fl-ewwel seduta tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jeżamina l-Anness Ċ ta' dan il-Fehim u, jekk ikun hemm bżonn, jirrevedih, billi jistabbilixxi l-proporzjonijiet li fihom il-pajjiżi mniżżlin fih jipproduċu u jesportaw esklużivament jew parzjalment kawkaw fin ("*fine*" jew "*flavour*"). Minn hemm 'il quddiem, il-Kunsill jista' f'kull mument, matul il-perjodu ta' dan il-Ftehim, jeżamina l-Anness Ċ u, jekk ikun hemm bżonn, jirrevedih. Il-Kunsill għandu jieħu parir minn esperti fuq din il-kwistjoni, kif xieraq. F'dan il-każ, il-kompożizzjoni tal-panel ta' esperti għandha tassigura, safejn huwa possibbli, il-bilanċ bejn l-esperti tal-pajjiżi konsumaturi u l-esperti tal-pajjiżi produtturi. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi l-kompożizzjoni u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-panel ta' esperti.

2. Il-Kumitat Ekonomiku għandu jagħmel proposti lill-Organizzazzjoni biex tippjana u timplimenta sistema ta' statistiċi dwar il-produzzjoni ta' u l-kummerċ fil-kawkaw fin ("*fine*" jew "*flavour*").

3. Waqt li jikkunsidraw b'mod xieraq l-importanza tal-kawkaw fin ("*fine*" jew "*flavour*"), il-membri għandhom jeżaminaw, u jadottaw kif xieraq, proġetti li għandhom x'jaqsmu mal-kawkaw fin skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 37 u 43.

# Kapitolu XII - Proġetti

*Artikolu 40*
***Proġetti***

1. Il-Membri jistgħu jressqu proposti ta' proġetti li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-għanijiet ta' dan il-Ftehim u tal-oqsma ta' ħidma prijoritarji identifikati fil-pjan strateġiku għal ħames snin imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 17.

2. Il-Kumitat Ekonomiku għandu jirrevedi l-proposti ta' proġetti u jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill, skont il-mekkaniżmi u l-proċeduri ta' sottomissjoni, ta' evalwazzjoni, ta' approvazzjoni, ta' stabbiliment ta' prijoritajiet u ta' finanzjament ta' proġetti, stabbiliti mill-Kunsill. Il-Kunsill, jista', skont il-ħtieġa, jistabbilixxi l-mekkaniżmi u l-proċeduri għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti, kif ukoll għat-tixrid usa' tar-riżultati tagħhom.

3. F'kull laqgħa tal-Kumitat Ekonomiku, id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta rapport dwar il-progress tal-proġetti kollha approvati mill-Kunsill, inklużi dawk li jkunu qegħdin jistennew finanzjament, li jkunu għaddejjin jew lesti. Għandu jiġi ppreżentat sommarju lill-Kunsill, skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 27.

4. Bħala regola ġenerali, l-Organizzazzjoni twettaq il-funzjoni ta' korp ta' sorveljanza tal-proġetti. L-ispejjeż ġenerali li tħallas l-Organizzazzjoni fl-elaborazzjoni, il-ġestjoni, is-sorveljanza u l-evalwazzjoni tal-proġetti għandhom jiġu inklużi fl-ispiża totali ta' dawn il-proġetti. Dawn l-ispejjeż ġenerali m'għandhomx jaqbżu l-10 % tal-ispiża totali ta' kull proġett.

*Artikolu 41*
***Relazzjoni mal-Fond Komuni għall-Komoditajiet u ma' donaturi multilaterali u bilaterali oħra***

1. L-Organizzazzjoni għandha tieħu vantaġġ sħiħ mill-faċilitajiet tal-Fond Komuni għall-Komoditajiet sabiex tgħin fit-tħejjija u l-iffinanzjar tal-proġetti ta' interess fl-ekonomija tal-kawkaw.

2. L-Organizzazzjoni għandha tfittex il-koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, kif ukoll ma' aġenziji donaturi multilaterali u bilaterali, sabiex tikseb l-iffinanzjar għal programmi u proġetti ta' interess fl-ekonomija tal-kawkaw, kif xieraq.

3. L-Organizzazzjoni taħt l-ebda ċirkostanza m'għandha tidħol f'xi obbligi finanzjarji relatati ma' proġetti, kemm f'isimha kif ukoll f'isem il-Membri. L-ebda Membru tal-Organizzazzjoni m'għandu jinżamm responsabbli minħabba s-sħubija tiegħu fl-Organizzazzjoni għal xi obbligu li jinħoloq mit-teħid jew l-għoti ta' self minn xi Membru jew entità oħra relatat ma' tali proġetti.

# Kapitolu XIII – Żvilupp sostenibbli

*Artikolu 42*

***Livell ta' għajxien u l-kondizzjonijiet tax-xogħol***

Il-Membri għandhom jikkunsidraw li jtejbu l-livell tal-għajxien u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jaħdmu fis-settur tal-kawkaw, b'mod konsistenti mal-livell ta' żvilupp tagħhom, waqt li jżommu f'moħħhom il-prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment u l-istandards applikabbli tal-ILO. Barraminnhekk il-Membri għandhom jaqblu li ma jużawx l-istandards tax-xogħol għal finijiet ta' protezzjoniżmu kummerċjali.

*Artikolu 43*

***Ekonomija sostenibbli tal-kawkaw***

1. Il-Membri għandhom jagħmlu kull sforz meħtieġ sabiex jaslu għal ekonomija sostenibbli tal-kawkaw, billi jikkunsidraw il-prinċipji u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli inklużi b'mod partikolari fid-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp u Azzjoni 21 adottati f'Rio de Janeiro fl-1992, fid-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti adottata fi New York fis-sena 2000, fir-rapport tas-Samit Dinji għall-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'Johannesburg fl-2002, fil-Kunsens ta' Monterrey dwar il-Finanzjament tal-Iżvilupp adottat fl-2002 u fid-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-Programm ta' Doha għall-Iżvilupp adottata fl-2001.

2. L-Organizzazzjoni għandha tgħin lill-Membri jitolbu l-għajnuna sabiex jilħqu l-miri ta' żvilupp tagħhom ta' ekonomija sostenibbli tal-kawkaw, skont l-Artikolu 1(e), u l-Artikolu 2(14).

3. L-Organizzazzjoni għandha sservi bħala punt fokali ta' djalogu permanenti fost l-atturi, kif meħtieġ, biex jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli tal-kawkaw.

4. L-Organizzazzjoni għandha tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn il-Membri permezz ta' attivitajiet li jikkontribwixxu lejn ekonomija sostenibbli tal-kawkaw.

5. Il-Kunsill għandu jadotta u perjodikament jirrevedi l-programmi u l-proġetti relatati ma' ekonomija sostenibbli tal-kawkaw u skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

6. L-Organizzazzjoni għandha tfittex l-għajnuna u l-appoġġ tad-donaturi multilaterali u bilaterali għat-twettiq ta' programmi, proġetti u attivitajiet li għandhom l-għan li jwasslu għal ekonomija sostenibbli tal-kawkaw.

# Kapitolu XIV – Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar l-ekonomija dinjija tal-kawkaw

*Artikolu 44*

***Stabbiliment tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar l-ekonomija dinjija tal-kawkaw***

1. Għandha tiġi stabbilita Kummissjoni Konsultattiva dwar l-ekonomija dinjija tal-kawkaw (minn hawn 'il quddiem il-Kummissjoni) bl-għan li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni attiva ta' esperti mis-settur privat fil-ħidma tal-Organizzazzjoni, u biex tippromwovi djalogu kontinwu fost esperti mis-setturi pubbliċi u privati.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun korp konsultattiv li jagħti pariri lill-Kunsill dwar kwistjonijiet li jkunu ta' interess ġenerali u strateġiku għas-settur tal-kawkaw, inkluż:

   a) L-evoluzzjoni strutturali fit-tul tal-offerta u tad-domanda;

   b) Il-mezzi ta' tisħiħ tal-pożizzjoni ta' dawk li jkabbru l-kawkaw, bl-għan li jkabbru d-dħul tagħhom;

   c) Il-proposti li jinkoraġġixxu l-produzzjoni, l-kummerċ u l-użu sostenibbli tal-kawkaw;

   d) L-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija tal-kawkaw;

   e) L-iżvilupp ta' metodi u ta' oqsfa ta' promozzjoni tal-konsum;

   f) Kwalunkwe kwistjoni oħra relatata mal-kawkaw li taqa' taħt dan il-Ftehim.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Kunsill sabiex jiġbor informazzjoni dwar il-produzzjoni, il-konsum u l-ħażniet.

4. Il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, għar-reviżjoni.

5. Il-Kummissjoni tista' toħloq gruppi ta' ħidma speċjali sabiex jgħinuha twettaq il-mandat tagħha, sakemm l-ispejjeż operattivi tagħhom ma jkollhomx implikazzjonijiet baġitarji għall-Organizzazzjoni.

6. Meta tiġi stabbilita, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli tagħha stess u tirrakkomanda l-adozzjoni tagħhom lill-Kunsill.

*Artikolu 45*

***Kompożizzjoni tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar l-ekonomija dinjija tal-kawkaw***

1. Il-Kummissjoni konsultattiva dwar l-ekonomija dinjija tal-kawkaw għandha tkun magħmula minn esperti mis-setturi kollha tal-ekonomija tal-kawkaw, jiġifieri:

   a) Minn assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u tal-industrija;

b) Minn Organizzazzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' produtturi tal-kawkaw, mis-setturi pubbliċi u privati;

c) Minn Organizzazzjonijiet nazzjonali ta' esportaturi tal-kawkaw u minn assoċjazzjonijiet ta' bdiewa;

d) Minn istituti ta' riċerka dwar il-kawkaw;

e) Minn assoċjazzjonijiet jew istituzzjonijiet oħrajn tas-settur privat li jkollhom interess fl-ekonomija tal-kawkaw.

2. Dawn l-esperti għandhom jaġixxu taħt il-kapaċità personali tagħhom jew f'isem l-assoċjazzjonijiet rispettivi tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tkun magħmula minn tmien esperti li jkunu ġejjin mill-pajjiżi esportaturi u minn tmien esperti li jkunu ġejjin mill-pajjiżi importaturi, kif definit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn l-esperti għandhom jinħatru mill-Kunsill kull sentejn tal-kawkaw. Il-membri tal-Kummissjoni jistgħu jagħżlu kunsillier u sostitut wieħed jew aktar, li n-nominazzjoni tagħhom għandha tkun approvata mill-Kunsill. Minħabba l-esperjenza tal-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jżid in-numru ta' membri fil-Kummissjoni.

4. Il-President tal-Kummissjoni għandu jintgħażel minn fost il-membri tagħha. Il-presidenza għandha tinbidel b'mod alternat bejn il-pajjiżi esportaturi u importaturi kull sentejn tal-kawkaw.

*Artikolu 46*

***Laqgħat tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar l-ekonomija dinjija tal-kawkaw***

1. Il-Kumissjoni Konsultattiva dwar l-ekonomija dinjija tal-kawkaw għandha tiltaqa' normalment fil-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni, sakemm ma tiddeċidix mod ieħor. Jekk, fuq stedina ta' xi Membru, il-Kummissjoni konsultattiva tiltaqa' xi mkien ieħor barra l-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni, dak il-Membru għandu jħallas l-ispejjeż addizzjonali involuti, skont ir-regoli amministrattivi tal-Organizzazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tiltaqa' normalment darbtejn fis-sena, fl-istess waqt tas-seduti ordinarji tal-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport regolari lill-Kunsill dwar il-ħidma tagħha.

3. Il-laqgħat tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar l-ekonomija dinjija tal-kawkaw għandhom ikunu miftuħa għall-Membri tal-Organizzazzjoni, bħala osservaturi.

4. Il-Kummissjoni tista wkoll tistieden sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat u l-ħidmiet tagħha esperti eminenti jew personalitajiet magħrufa f'qasam speċifiku, kemm mis-settur privat kif ukoll dak pubbliku, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi kompetenti, li jkollhom l-esperjenza meħtieġa f'oqsma tal-industrija tal-kawkaw.

# Kapitolu XV – Eżenzjoni mill-obbligi u miżuri differenzjali u korrettivi

*Artikolu 47*
***Eżenzjoni mill-obbligi f'ċirkostanzi eċezzjonali***

1. Il-Kunsill jista' jeżenta Membru minn obbligu fuq bażi ta' ċirkostanzi eċċezzjonali jew ta' emerġenza, każ ta' forza maġġuri, jew obbligi internazzjonali taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti għat-territorji amministrati taħt is-sistema ta' tutela.

2. Il-Kunsill, meta jeżenta lil xi Membru taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandu jispjega b'mod espliċitu t-termini u l-kundizzjonijiet u t-tul ta' żmien tal-eżenzjoni mill-obbligu tal-Membru u r-raġunijiet għalfejn ingħatat l-eżenzjoni.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill m'għandux jeżenta lil Membru mill-obbligu taħt l-Artikolu 25 li jħallas il-kontribuzzjonijiet, jew mill-konsegwenzi fil-każ li jonqos li jħallashom.

4. Il-kalkolu tat-tqassim tal-voti tal-Membri esportaturi, li għalihom il-Kunsill ikun irrikonoxxa każ ta' forza maġġuri, għandu jkun ibbażat fuq il-volum effettiv tal-esportazzjonijiet tas-sena li matulha jkun seħħ il-każ ta' forza maġġuri u għat-tliet snin ta' wara.

*Artikolu 48*
***Miżuri differenzjati u ta' rimedju***

Membri li jkunu qegħdin jiżviluppaw l-importazzjoni, u l-pajjiżi l-anqas żviluppati li huma Membri, li l-interessi tagħhom jkunu affettwati ħażin mill-miżuri li jittieħdu taħt dan il-Ftehim jistgħu jitolbu lill-Kunsill miżuri differenzjati xierqa u ta' rimedju. Il-Kunsill għandu jikkunsidra li jieħu dawk il-miżuri xierqa fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni 93 (IV) adottata mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp.

# Kapitolu XVI – Konsultazzjonijiet, tilwim u lmenti

*Artikolu 49*
***Konsultazzjonijiet***

Kull Membru għandu jagħti l-konsiderazzjoni sħiħa u dovuta lil kull rappreżentazzjoni li ssirlu minn Membru ieħor dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u għandu jalloka opportunità adegwata għal konsultazzjonijiet. Matul dawk il-konsultazzjonijiet, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet u bil-kunsens tal-parti l-oħra, id-Direttur Eżekuttiv għandu jistabbilixxi proċedura xierqa ta' konċiljazzjoni. L-ispejjeż ta' dik il-proċedura m'għandhomx jitħallsu mill-Organizzazzjoni. Jekk dik il-proċedura twassal għal soluzzjoni, din għandha tkun irrapportata lid-Direttur Eżekuttiv. Jekk ma tintlaħaq l-ebda soluzzjoni, il-kwistjoni tista', fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, tkun riferuta lill-Kunsill skont l-Artikolu 50.

*Artikolu 50*
***Tilwim***

1. Kull tilwima dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim li ma tissolviex mill-partijiet involuti fit-tilwima għandha, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tkun riferuta lill-Kunsill għal deċiżjoni.

2. Meta tilwima tkun riferuta lill-Kunsill taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tkun ġiet diskussa, diversi Membri li flimkien ikollhom terz jew anqas tat-total tal-voti, jew kwalunkwe ħames Membri, jistgħu jitolbu lill-Kunsill li jitlob l-opinjoni, qabel ma jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwistjonijiet tat-tilwima, ta' grupp konsultattiv *ad hoc* ikkostitwit kif indikat fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. a) Sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor, il-grupp konsultattiv *ad hoc* għandu jkun kostitwit minn:

   i) Żewġ persuni, maħtura mill-Membri esportaturi, li wieħed minnhom ikollu esperjenza kbira fil-kwistjonijiet tat-tip involuti fit-tilwima, u l-ieħor ikun avukat ikkwalifikat u stabbilit;

   ii) Żewġ persuni, maħtura mill-Membri importaturi, li wieħed minnhom ikollu esperjenza kbira fil-kwistjonijiet tat-tip involuti fit-tilwima, u l-ieħor ikun avukat ikkwalifikat u stabbilit;

   iii) President magħżul unanimament mill-erba' persuni nnominati taħt (i) u (ii) ta' hawn fuq jew, f'każ ta' nuqqas ta' ftehim, mill-President tal-Kunsill;

   b) Iċ-ċittadini tal-Membri jistgħu jservu fil-grupp konsultattiv *ad hoc*;

   c) Il-Membri tal-grupp konsultattiv *ad hoc* għandhom jaġixxu fil-kapaċitajiet personali tagħhom u mingħajr struzzjonijiet minn xi Gvern;

   d) L-ispejjeż tal-grupp konsultattiv *ad hoc* jitħallsu mill-Organizzazzjoni.

4. L-opinjoni motivata tal-grupp konsultattiv *ad hoc* għandha tintbagħat lill-Kunsill, li, wara li jikkunsidra l-informazzjoni kollha relevanti, għandu jieħu deċiżjoni dwar it-tilwima.

*Artikolu 51*
***Azzjoni mill-Kunsill f'każ ta' lment***

1. Kull ilment dwar in-nuqqas ta' xi Membru li jwettaq l-obbligi tiegħu taħt dan il-Ftehim għandu, fuq it-talba tal-Membru li jkun qed iressaq l-ilment, ikun riferut lill-Kunsill, li għandu jikkunsidrah u jieħu deċiżjoni fuq il-kwistjoni.

2. Id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kunsill jikkonkludi li Membru jkun kiser l-obbligi tiegħu taħt dan il-Ftehim għandha tittieħed b'vot ta' maġġoranza sempliċi mqassma u għandha tispeċifika n-natura ta' dan il-ksur.

3. Kull darba li huwa jikkonkludi, kemm wara lment kif ukoll b'xi mod ieħor, li Membru jkun kiser l-obbligi tiegħu taħt dan il-Ftehim, il-Kunsill jista', mingħajr preġudizzju għal tali miżuri oħra kif ipprovduti speċifikament f'Artikoli oħra ta' dan il-Ftehim, inkluż l-Artikolu 60:

   a) Jissospendi d-drittijiet tal-votazzjoni ta' dak il-Membru fil-Kunsill; u

   b) Jekk jikkunsidra li huwa meħtieġ, jissospendi drittijiet oħrajn ta' dak il-Membru, inkluż dak li jkun eliġibbli għal xi funzjoni fil-Kunsill, jew f'xi wieħed mill-Kumitati tiegħu, jew id-dritt tiegħu li jeżerċita tali funzjoni, sakemm jaqdi l-obbligi tiegħu.

4. Membru li d-drittijiet tal-votazzjoni tiegħu jkunu ġew sospiżi taħt il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jibqa' suġġett għall-obbligi finanzjarji u obbligi oħra taħt dan il-Ftehim.

# Kapitolu XVII – Dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 52*
***Depożitarju***

Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti huwa hawnhekk innominat bħala d-depożitarju ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 53*
***Iffirmar***

Dan il-Ftehim għandu jkun miftuħ għall-iffirmar mill-Partijiet għall-Ftehim Internazzjonali tal-2001 dwar il-Kawkaw u tal-gvernijiet mistiednin għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kawkaw, 2010, fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-30 ta' Settembru 2012 inkluż. Madankollu, il-Kunsill stabbilit taħt it-termini tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw tal-2001, jew il-Kunsill stabbilit taħt dan il-Ftehim, jista' jestendi darba biss iż-żmien għall-iffirmar ta' dan il-Ftehim. Il-Kunsill għandu javża minnufih lid-depożitarju dwar dik l-estensjoni.

*Artikolu 54*
***Ratifika, aċċettazzjoni u approvazzjoni***

1. Dan il-Ftehim għandu jkun suġġett għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni mill-gvernijiet firmatarji skont il-proċeduri kostituzzjonali tagħhom. L-istrumenti tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati għand id-depożitarju.

2. Kull Parti kontraenti għandha tindika lis-Segretarju Ġenerali, meta tiddepożita l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni tagħha jew malli jkun possibbli wara din id-data, jekk hijiex Membru esportatur jew Membru importatur.

*Artikolu 55*
***Adeżjoni***

1. Dan il-Ftehim għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni mill-gvern ta' kull Stat intitolat sabiex jiffirmah.

2. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi taħt liema mill-Annessi ta' dan il-Ftehim għandu jitqies li jitniżżel l-Istat ta' adeżjoni, jekk dak l-Istat mhu mniżżel taħt ebda wieħed minn dawn l-Annessi.

3. L-adeżjoni ssir permezz tad-depożitu ta' strument ta' adeżjoni għand id-depożitarju.

*Artikolu 56*
***Notifika ta' applikazzjoni provviżorja***

1. Gvern firmatarju li jkun bi ħsiebu jirratifika, jaċċetta, jew japprova dan il-Ftehim jew gvern li jkun bi ħsiebu jidħol għall-Ftehim, iżda li li ma jkunx għadu jista' jiddepożita l-istrument tiegħu, jista' f'kull ħin javża lid-depożitarju li, skont il-proċeduri kostituzzjonali tiegħu u/jew il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tiegħu, ser japplika dan il-Ftehim b'mod provviżorju jew meta jidħol fis-seħħ skont l-Artikolu 57, jew, jekk diġà jkun fis-seħħ, f'data speċifikata. Kull gvern li jagħti dak l-avviż għandu jindika lis-Segretarju Ġenerali, fil-mument tan-notifika jew malli jkun possibbli wara n-notifika, jekk hux ser ikun Membru esportatur jew Membru importatur.

2. Gvern li jkun avża taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li ser japplika dan il-Ftehim jew meta jidħol fis-seħħ jew f'data speċifika għandu, minn dak iż-żmien, ikun Membru provviżorju. Jibqa' Membru provviżorju sad-data tad-depożitu tal-istrument tiegħu tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni, jew l-adeżjoni.

*Artikolu 57*
***Dħul fis-seħħ***

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ definittivament fl-1 ta' Ottubru 2012, jew f'xi data ulterjuri, jekk sa' dik id-data l-gvernijiet li jirrappreżentaw mill-inqas ħames pajjiżi esportaturi li jagħmlu ta' mill-anqas 80 % tal-esportazzjonijiet totali tal-pajjiżi mniżżla fl-Anness A u l-gvernijiet li jirrappreżentaw il-pajjiżi importaturi li għandhom mill-anqas 60 % tal-importazzjonijiet totali kif ippreżentati fl-Anness B ikunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni mad-depożitarju. Jidħol ukoll fis-seħħ definittivament wara li jidħol fis-seħħ provviżorjament u jintlaħqu l-perċentwali meħtieġa hawn fuq bid-depożitu tal-istrumenti tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ provviżorjament fl-1 ta' Jannar 2011 jekk, sa dik id-data, il-gvernijiet li jirrappreżentaw mill-inqas ħames pajjiżi esportaturi li jagħmlu ta' mill-anqas 80 % tal-esportazzjonijiet totali tal-pajjiżi mniżżla fl-Anness A u l-gvernijiet li jirrappreżentaw il-pajjiżi importaturi li għandhom mill-anqas 60 % tal-importazzjonijiet totali kif ippreżentati fl-Anness B ikunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni jew ikunu avżaw

lid-depożitarju li se japplikaw dan il-Ftehim provviżorjament meta jidħol fis-seħħ. Dawk il-gvernijiet għandhom ikunu Membri provviżorji.

3. Jekk il-kundizzjonijiet għad-dħul fis-seħħ taħt il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma jkunux ġew issodisfati sal-1 ta' Settembru 2011, is-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp għandu jsejjaħ, fl-iqsar żmien possibbli, laqgħa għal dawk il-gvernijiet li jkunu ddepożitaw l-istrumenti tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, jew avżaw lid-depożitarju li sejrin japplikaw dan il-Ftehim provviżorjament. Dawn il-gvernijiet ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk idaħħlux dan il-Ftehim fis-seħħ definittivament jew provviżorjament bejniethom, kollu kemm hu jew parti minnu, fid-data li jistabbilixxu jew jadottaw xi arranġament ieħor li jqisu meħtieġ.

4. Għal kull gvern li f'ismu jkun ġie ddepożitat strument tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni jew avviż ta' applikazzjoni provviżorja jkun ġie ddepożitat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim skont il-paragrafu 1, 2, jew 3 ta' dan l-Artikolu, l-istrument jew l-avviż jidħol fis-seħħ fid-data tat-tali depożitu u, fil-każ tal-avviż tal-applikazzjoni provviżorja, skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 56.

*Artikolu 58*
***Riżervi***

Ma jistgħux isiru riżervi dwar xi dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 59*
***Irtirar***

1. F'kull ħin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Membru jista' jirtira minn dan il-Ftehim billi javża lid-depożitarju bil-miktub dwar l-irtirar tiegħu. Il-Membru għandu minnufih javża lill-Kunsill dwar id-deċiżjoni tiegħu.

2. L-irtirar isir effettiv 90 ġurnata wara li d-depożitarju jirċievi l-avviż. Jekk, bħala konsegwenza tal-irtirar, l-għadd ta' Membri f'dan il-Ftehim ma jkunx biżżejjed sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ipprovduti fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 57 għad-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Kunsill għandu jiltaqa' f'seduta speċjali biex jirrevedi s-sitwazzjoni u jieħu d-deċiżjonijiet xierqa.

*Artikolu 60*
***Esklużjoni***

Jekk, taħt il-paragrafu 3 tal-Artikolu 51, il-Kunsill jikkonkludi li xi Membru kiser l-obbligi tiegħu taħt dan il-Ftehim u jsib, barraminnhekk, li dak il-ksur ifixkel b'mod sinifikanti l-operat ta' dan il-Ftehim, jista' jeskludi lil dak il-Membru mill-Organizzazzjoni. Il-Kunsill għandu javża minnufih lid-depożitarju dwar din l-esklużjoni. Disgħin jum wara d-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill, dak il-Membru ma jibqax Membru tal-Organizzazzjoni.

*Artikolu 61*

***Ħlasijiet ta' kontijiet f'każ ta' irtirar jew esklużjoni***

Fil-każ tal-irtirar jew l-esklużjoni ta' xi Membru, il-Kunsill għandu jiddetermina kwalunkwe ħlas tal-kontijiet ta' dak il-Membru. L-Organizzazzjoni għandha żżomm kull ammont li jkun diġà tħallas minn dak il-Membru li, barraminnhekk, ikun mistenni jħallas kull ammont dovut lilha sad-data effettiva tal-irtirar jew tal-esklużjoni. Madankollu, fil-każ ta' Parti Kontraenti li ma tkunx tista' taċċetta emenda u li, minħabba dan, tieqaf tieħu sehem f'dan il-Ftehim skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 63, il-Kunsill jista' jistabbilixxi l-kont b'mod li jidhirlu ġust.

*Artikolu 62*

***Tul ta' żmien, estensjoni u tmiem***

1. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sal-aħħar tal-għaxar sena sħiħa tal-kawkaw wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, sakemm ma jkunx estiż taħt il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew jiġi mitmum qabel taħt il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-Kunsill għandu jirrevedi dan il-Ftehim ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u jieħu d-deċiżjonijiet xierqa.

3. Waqt li dan il-Ftehim ikun fis-seħħ, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jinnegozjah mill-ġdid bil-għan li l-Ftehim innegozjat mill-ġdid jidħol fis-seħħ fl-aħħar tal-ħames sena tal-kawkaw imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew fl-aħħar ta' kull perjodu ta' estensjoni li jiddeċiedi dwaru l-Kunsill taħt il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Kunsill jista' jestendi parti mill-Ftehim jew il-Ftehim kollu, għal żewġ perjodi li ma jaqbżux sentejn tal-kawkaw kull wieħed. Il-Kunsill għandu javża lid-depożitarju dwar din l-estensjoni.

5. Il-Kunsill jista' f'kull ħin jiddeċiedi li jtemm dan il-Ftehim. Dik it-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data li jiddeċiedi l-Kunsill, bil-kundizzjoni li l-obbligi tal-Membri taħt l-Artikolu 25 ikomplu sakemm jitħallsu l-obbligi finanzjarji relatati mal-operat ta' dan il-Ftehim. Il-Kunsill għandu javża lid-depożitarju dwar din id-deċiżjoni.

6. Minkejja t-tmiem ta' dan il-Ftehim bi kwalunkwe mod, il-Kunsill għandu jibqa' jopera sakemm ikun meħtieġ biex jillikwida l-Organizzazzjoni, jagħlaq il-ħlas tal-kontijiet tagħha u jqassam l-assi tagħha. Matul dak il-perjodu, il-Kunsill għandu jkollu s-setgħat meħtieġa għall-konklużjoni tal-kwistjonijiet kollha amministrattivi u finanzjarji.

7. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 59, Membru li ma jixtieqx jieħu sehem f'dan il-Ftehim kif estiż taħt dan l-Artikolu għandu javża b'dan lid-depożitarju u lill-Kunsill. Dak il-Membru ma jibqax parti għal dan il-Ftehim mill-bidu tal-perjodu ta' estensjoni.

*Artikolu 63*
***Emendi***

